

32003L0002

9.1.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 4/9

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2003/2/KE**tas-6 ta' Jannar 2003****dwar restrizzjonijiet fuq il-marketing u l-użu ta' l-arseniku (l-għaxar adattament għall-progress tekniku tad-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

l-użu ta' preservazzjoni ta' l-injam b'bażi ta' l-arseniku għal dawk is-sitwazzjonijiet fejn huwa assolutament neċessarju.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi ⁽¹⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/62/KE ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 2(a) tagħha, introdott mid-Direttiva tal-Kunsill 89/678/KEE ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/677/KEE ⁽⁴⁾ li temenda għat-tmien darba d-Direttiva 76/769/KEE tqiegħed ċerti restrizzjonijiet fuq il-marketing u l-użu ta' l-arseniku.
- (2) Fil-qafas ta' revizzjoni tal-leġislażzjoni Komunitarja li tikkonċerna l-użu ta' komposti b'bażi ta' l-arseniku għall-preservazzjoni ta' l-injam wara l-adeżjoni ta' l-Awstrija, tal-Finlandja u ta' l-Isvezja fl-Unjoni Ewropea fl-1995, twettqu stima tar-riskji u analiżi tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' aktar restrizzjonijiet fuq l-arseniku f'ċerti preservattivi ta' l-injam ⁽⁵⁾.
- (3) L-istima tar-riskju ġiet irreferuta lill-Kumitat Xjentifiku dwar it-Tossiċità, l-Ekotossiċità u l-Ambjent (CSTEE) għal revizzjoni ta' pari ⁽⁶⁾ u CSTEE ikkonkluda li r-riskji prinċipali kienu ġew identifikati b'mod korrett. Dawn ir-riskji jinkludu dawk għas-saħħa umana mir-rimi ta' l-injam li ġiet trattat b'preservattivi ta' l-injam li fihom ir-ram, il-kromju u l-arseniku (CCA) u b'mod partikolari riskji għas-saħħa tat-tfal mill-użu ta' injam ittrattat bis-CCA f'tagħmir għall-parks tal-logħob. Ġie identifikat ukoll riskju għall-ambjent akwatiku f'ċerti ibħra marittimi.
- (4) Is-CSTEE irrakkomanda wkoll li fid-dawl ta' nuqqas serju ta' tagħrif fir-rigward ta' injam ittrattat bl-arseniku fir-radam, ikun opportun li wieħed ikun kawt billi jillimita

- (5) F'konsiderazzjoni oħra dwar l-effetti ta' l-arseniku fuq is-saħħa ⁽⁷⁾, is-CSTEE ikkonkluda li s-sustanza hi kemm ġenotossika kif ukoll karċinoġenu magħruf sew, u li jista' jkun xieraq li jkun ikkunsidrat li ma jeżistu l-ebda limiti għall-effett karċinoġeniku.
- (6) L-iskart ta' l-injam ittrattat b'CCA ġie kklassifikat bħala skart perikoluż skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skond l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skond l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż ⁽⁸⁾ kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/573/KE ⁽⁹⁾.
- (7) Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidji ⁽¹⁰⁾ tistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-armonizzazzjoni ta' l-awtorizzazzjoni ta' bijoċidji flivell komunitarju u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1896/2000 tas-7 ta' Settembru 2000 dwar l-ewwel fażi tal-programm imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prodotti bijoċidji ⁽¹¹⁾, jeħtieġ li preservattivi ta' l-injam għandhom ikunu valutati bi priorità fil-programm ta' revizzjoni stabbilit taħt id-Direttiva 98/8/KE. L-arseniku ġie identifikat u nnotifikat bħala sustanza attiva fi ħdan l-iskadenza stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1896/2000. Sat-28 ta' Marzu 2004 għandu jiġi ppreżentat dossier komplet għall-valutazzjoni ta' l-arseniku bħala sustanza eżistenti.
- (8) Fir-rigward ta' l-istima tar-riskju u filwaqt li jittieħed kont tal-prinċipju ta' prekawżjoni, sakemm isseħħ l-armonizzazzjoni tar-regoli taħt id-Direttiva 98/8/KE jew Deċiżjoni skond l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1896/2000, hu neċessarju li r-restrizzjonijiet fuq l-arseniku fid-Direttiva 76/769/KEE jiġu adattati għall-progress tekniku. Din id-Direttiva ma tapplikax għall-injam ittrattat b'CCA diġà fil-funzjoni tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU L 262, tas-27.9.1976, pġ. 201.⁽²⁾ ĠU L 183, tat-12.7.2002, pġ. 58.⁽³⁾ ĠU L 398, tat-30.12.1989, pġ. 24.⁽⁴⁾ ĠU L 398, tat-30.12.1989, pġ. 19.⁽⁵⁾ Assessjar tar-Riskji għas-Saħħa u għall-Ambjent, tal-Arseniku fil-Preservattivi tal-Injam u tal-Effetti ta' Aktar Restriżżjonijiet dwar il-marketing u l-użu tiegħu, 1998⁽⁶⁾ http://europa.eu.int/comm/food/fs/sc/sct/out18_en.html.⁽⁷⁾ http://europa.eu.int/comm/food/fs/sc/sct/out106_en.html.⁽⁸⁾ ĠU L 226, tas-6.9.2000, pġ. 3.⁽⁹⁾ ĠU L 203, tat-28.7.2001, pġ. 18.⁽¹⁰⁾ ĠU L 123, ta' l-24.4.1998, pġ. 1.⁽¹¹⁾ ĠU L 228, tat-8.9.2000, pġ. 6.

(9) Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni komunitarja li tistabbilixxi ħtiġiet minimi għall-protezzjoni tal-ħaddiema, b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri li jinkoraġġixxu titjib fis-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq ix-xogħol⁽¹⁾, id-Direttiva tal-Kunsill 90/394/KEE tat-28 ta' Ġunju 1990 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji li ġejjin minn espożizzjoni għal karċinoġeni waqt ix-xogħol (Is-Sitt Direttiva individwali fis-sens ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)⁽²⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 1999/38/KE⁽³⁾ u d-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn aġenti kimiċi waqt ix-xogħol (l-14-il Direttiva individwali fis-sens ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)⁽⁴⁾.

(10) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-adattament għal progress tekniku tad-direttivi dwar it-tneħħija ta' ostakli tekniċi għal kummerċ f'sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE hu hawnhekk emendat kif stabbilit fl-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2003. Għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan. Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2004.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Jannar 2003.

Għall-Kummissjoni

Erkki LIIKANEN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 183, tad-29.6.1989, pġ. 1.

⁽²⁾ ĠU L 196, tas-26.7.1990, pġ. 1.

⁽³⁾ ĠU L 138, ta' l-1.6.1999, pġ. 66.

⁽⁴⁾ ĠU L 131, tal-5.5.1998, pġ. 11.

ANNEX

Il-punt 20 ta' l-Anness I għad-Direttiva 1976/769/KEE hu sostitwit b'dan li ġej:

<p>"20. Komposti ta' l-arseniku</p>	<p>1. Ma jistgħux jintużaw bħala sustanzi u kostitwenti ta' preparazzjonijiet maħsuba għal użu:</p> <p>(a) biex jipprevjenu t-tħammiġ minn mikro-organiżmi, pjanti jew animali:</p> <ul style="list-style-type: none"> — tal-buqijiet ta' dgħajjes, — tal-gaġeġ, floats, xbieki u kwalunkwe għodda u tagħmir ieħor użati għat-trobbija tal-ħut jew tal-molluski, — kwalunkwe għodda jew tagħmir mgħarraq kompletament jew parzjalment. <p>(b) fil-preservazzjoni ta' l-injam. Barra dan, injam hekk ittrattat ma jistax jitqiegħed fis-suq;</p> <p>(ċ) madankollu, b'deroga:</p> <p>(i) li tirrelata mas-sustanzi u mal-preparazzjonijiet fil-preservazzjoni ta' l-injam; dawn jistgħu jintużaw biss f'impjanti industrijali taħt vakwu jew taħt pressjoni biex jiddaħħlu fl-injam jekk huma soluzzjonijiet ta' komposti inorganiċi tar-ram, kromju, arseniku (CCA) tip Ċ. L-injam hekk ittrattat ma jistax jitqiegħed fis-suq qabel it-twaħħil komplet tal-preservattiv.</p> <p>(ii) li tirrelata ma' l-injam ittrattat b'soluzzjonijiet CCA fi stallazzjonijiet industrijali skond il-punt (i); dan jista' jitqiegħed fis-suq għal użu professjonali u industrijali basta li l-integrità strutturali ta' l-injam hi meħtieġa għas-sigurtà tal-bniedem jew tal-bhejjem, u meta mhux probabbli li jidħol f'kuntatt mal-ġilda tal-pubbliku ġenerali matul il-ħajja ta' servizz tiegħu:</p> <ul style="list-style-type: none"> — fl-istrutturi ta' l-injam f'bini pubbliku u agrikolu, bini ta' l-uffiċċji u żoni industrijali, — f'pontijiet, — f'konstruzzjonijiet ta' l-injam f'żoni ta' l-ilma ħelu u ta' ilmijiet salmastru eż. mollijiet u pontijiet, — f'barrikati għal kontra l-ħsejjes, — f'sistemi ta' kontroll ta' valangi, — fi ċnut u barrikati ta' l-awtostrada, — f'palijiet tal-koniferi tondi u mqattgħin mill-qoxra għall-bhejjem. — fi strutturi għaż-żamma tal-ħamrija — f'arbli tal-linji elettriċi u tat-telekomunikazzjoni — fi travijiet ta' l-injam għall-ħadidiet tal-ferrovija ta' taħt l-art. <p>Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet Komunitarji oħra dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikettjar ta' sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi, l-injam ittrattat kollu mqiegħed fis-suq għandu jkun individwalment immarkat 'Għal impjanti u użu professjonali u industrijali biss, fi l-arseniku'. Ma' dan, l-injam kollu mqiegħed fis-suq f'pakketti għandu wkoll ikollu tikketta li tiddikjara 'Ilbes l-ingwanti meta tuża dan l-injam. Ilbes maskra għal kontra t-trab u protezzjoni ta' l-għajnejn meta taqta' jew inkella taħdem dan l-injam. Skart minn dan l-injam għandu jkun ttrattat bħala perikoluż minn impriża awtorizzata'.</p> <p>(iii) Injam ittrattat imsemmi fil-punti (i) u (ii) ma jistax jintuża:</p> <ul style="list-style-type: none"> — f'kostruzzjonijiet residenzjali jew domestiċi, ikun xi jkun l-iskop, — fi kwalunkwe applikazzjoni fejn hemm riskju ta' kuntatt ripetittiv mal-ġilda, — fi bhra marittimi, — għal skopijiet agrikoli għajr għal palijiet għall-bhejjem u għal użi strutturali skond il-punt (ii), — fi kwalunkwe applikazzjoni fejn l-injam ittrattat jista' jiġi f'kuntatt ma' prodotti intermedji jew lesti, maħsuba għal konsum mill-bniedem u/jew mill-animali. <p>2. Ma jistgħux jintużaw bħala sustanzi u kostitwenti ta' preparazzjonijiet maħsuba għal użu fit-ttrattament ta' ilmijiet industrijali, irrispettivament mill-użu tagħhom."</p>
-------------------------------------	--